

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika u li tħassar id-Direttiva 89/336/KEE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont din id-Direttiva)

(2009/C 197/03)

Id-data ta' waqfien tal-preżunzjoni ta' konformità għal "EN 55022:1998 Apparat tal-informatika – Il-karatteristiċi ta' tfixkil tal-frekwenza radju – Limiti u metodi ta' kejl (CISPR 22:1997 (Modifikat))" u l-emendi tiegħu "A1:2000 sa EN 55022:1998 (CISPR 22:1997/A1:2000)" u "A2:2003 sa EN 55022:1998 (CISPR 22:1997/A2:2002)" li kienet stipulata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 126 tal-5 ta' Ġunju 2009, hija posposta għall-1 ta' Ottubru 2011.

---

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/5/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont din id-Direttiva)

(2009/C 197/04)

Id-data ta' waqfien tal-preżunzjoni ta' konformità għal "EN 55022:1998 Apparat tal-informatika – Il-karatteristiċi ta' tfixkil tal-frekwenza radju – Limiti u metodi ta' kejl (CISPR 22:1997 (Modifikat))" u l-emendi tiegħu "A1:2000 sa EN 55022:1998 (CISPR 22:1997/A1:2000)" u "A2:2003 sa EN 55022:1998 (CISPR 22:1997/A2:2002)" li kienet stipulata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 280 tal-4 ta' Novembru 2008, hija posposta għall-1 ta' Ottubru 2011.

---